# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Nru: 1851/2021/2**

***OMAR HAMMAD***

***VS.***

***MATTHEW ATTARD U MARTU KATERYNA ATTARD***

**Il-Qorti:**

1. Rat li din il-qorti kienet waqt is-seduta tas-6 ta' Ġunju, 2022, tat digriet li permezz tiegħu ordnat it-tħassir ta' dawn il-proċeduri skont l-**artikolu 199(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u dan minħabba li ħadd mill-partijiet jew mill-avukati tagħhom ma dehru għas-seduta, wara li huma kienu ġew imsejħa tliet darbiet;

2. Tqis li mid-data tas-6 ta' Ġunju, 2022 sal-lum għaddew aktar minn tliet xhur, u f'dan iż-żmien ħadd ma ressaq rikors taħt l-**artikolu 199(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex dawn il-proċeduri jiġu mqiegħda mill-ġdid fuq il-lista tal-proċeduri attivi. Dan iż-żmien imsemmi fl-**artikolu 199** huwa wieħed li ma jistax jittawwal mill-qorti, b'dana li darba jgħaddi dan it-terminu, dawn il-proċeduri ma jistgħux jerġgħu jiġu appuntati mill-ġdid. Tant hu hekk, li kull digriet li jappunta kawża mill-ġdid wara li jkun laħaq għadda dan it-terminu, huwa meqjus bħala null (ara ***Visa Investments Limited v. Blye Engineering Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020);

**Għaldaqstant ladarba għaddew it-tliet xhur imsemmija fl-artikolu 199(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-qorti qiegħda ttenni d-digriet tagħha tas-6 ta' Ġunju, 2022 dwar it-tħassir ta' dawn il-proċeduri, bi spejjeż fuq Omar Hammad u fl-istess waqt qiegħda tieqaf milli tqis aktar daw il-proċeduri u b'hekk tordna lir-reġistratur tal-qorti sabiex ineħħihom għalkollox minn fuq il-lista tal-proċeduri attivi.**

**Digriet mogħti llum, nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Settembru, 2022.**

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**